MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR**
**MARIA KARLSSON**

Seduta tat-28 ta' Jannar, 2010

Talba Numru. 458/2009

**Go Plc (C-22334)**
**Vs**
**Ludgardo sive Richard Pirotta (K.I. 494452M)**

**It-Tribunal,**

Wara li ra t-talba tas-socjeta’ attrici ghall-kundanna tal-konvenut ghall-hlas ta’ tmien mija, wiehed u tlettin ewro u tmienja u disghin ewro centezmi (€831.98) rapprezentanti bilanc ta’ prezz dovut mill-istess konvenut lil Go Plc in konnessjoni mas-servizz telefoniku li jgibu in-numri 2142 0969 u 21413452 (AC 40009171 u 10174325) skont diversi kontijiet mibghuta lilu u skont kif jirrizulta mid-dokumenti annessi mat-talba mmarkati IZY, 1, IZY2, IZY,3 u IZY4.

Illi nterpellat diversi drabi sabiex jghaddi ghal hlas, il-konvenut baqa’ inadempjenti u ghalhekk kellha ssir din il-

kawza kontra l-konvenut li minn issa ngunt ghas-subizzjoni.

Bl-ispejjes u l-imghaxijiet legali kontra l-konvenut li minn issa ingunt ghas-subizzjoni.

Ra mill-atti li l-konvenut baqa' ma pprezentax risposta ghalkemm debitament notfikat.

Ra li l-konvenut naqas li jidher ghas-seduta tal-lum.

Illi gie pprezentat kapitolu quddiem it-Tribunal diversament presjedut fis-seduta tat-13 ta' Jannar, 2010 mill-Avukat Dr. Keith Grech.

It-Tribunal jidhirlu li l-konvenuta naqset milli tipprova il-kaz taghha quddiem dan it-Tribunal.

Fic-cirkostanzi, t-Tribunal jiddeciedi billi jilqa' t-talba attrici bl-ispejjez u l-interessi skont il-ligi u kif mitluba.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------